IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 37**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**L-Erbgħa 8 ta' Jannar 2014 fl-4.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin | |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin | |
| Is-Sur George Attard | Membru | |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru | 4.40 pm |
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru | 4.40 pm |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv | |

0.01 **Iċ-Ċerpersin, is-Sur Paul Grech ippropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti spjega tal-*budget* għas-sena 2014. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel.** Bdil fl-ordni tal-aġenda

**4.00 Budget 2014**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja sabiex jagħti spjega tal-*budget* għas-sena 2014; liema *budget* jinsab anness ma' dawn il-minuti. Budget 2014

4.02 Is-Sur Paul Grech ippropona li l-*budget* jiġi approvat. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A36**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A36 tal-Kumitat Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| | Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-minuti ġew approvati. | Minuti A36 |
| **2.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti A36** | Punti li joħorġu mill-Minuti A36 |
| 2.01 | 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*litterbins* għadhom ma twaħħlux peress li l-ħaddiema kienu indisposti. Dawn għandhom jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin.<br><br>Rigward it-tabella tar-roti, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-tabella ser tinbidel sabiex tinkludi li r-roti mhumiex permessi li jidħlu fil-*playingfield.* | *Soft Area* u l-Bandli tal-Baħrija |
| 2.02 | 4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-tabella tinsab ordanta u għandha titwaħħal fil-jiem li ġejjin. | Tabella tal-ħinjiet tal-ftuħ tal-latrina |
| 2.03 | 4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-perit kien jinsab indispost u għaldaqstant għadu ma marx fuq il-post. Ġie deċiż li l-perit tal-Kunsill jiltaqa' fuq il-post mas-Sur Anġlu Portelli sabiex ifiehmu eżatt x'hemm bżonn li jsir. | *Embellishment* ta' Triq Raddet ir-Roti k/m Triq il-Karità |
| 2.04 | 5.03 Is-Sur Paul Grech ħa r-ritratti ta' dawn iż-żewġ tabelli u għandhom jerġgħu jiġu ordnati żewġ tabelli ġodda eżatt bħalhom. | Bdil ta' tabelli tal-Fiddien |
| **3.00** | **Kommunikazzjoni mill-membri** | |
| 3.01 | Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea staqsiet dwar l-*Impact Assessment Report* dwar il-*Wind Farm* ta' Wied Rini. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li d-dokument jinsab ġewwa l-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill u kull min jixtieq jaċċessa dan id-dokument jista' jagħmel dan billi jiġi l-Kunsill jew inkella ssirlu *soft copy* fuq *CD*. Ġie deċiż li ssir *soft copy* u l-membri jiġu jiġbruha mill-Kunsill. | *Impact Assessment Report* |
| 3.02 | Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea staqsiet jekk kellniex risposta dwar l-iżvilupp ta' Triq Patri Tumas Xerri. Ia-Segretarju Eżekuttiv wieġbet illi ma kellna l-ebda risposta. | Żvilupp fi Triq Patri Tumas Xerri |
| **5.00** | **Affarijiet Oħra** | |
| 5.01 | Ma kien hemm xejn x'jigi diskuss. | |

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2014 fil-4.45 pm — Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.35 pm

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**